Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 73/2019

Il-Pulizija
(Spettur Colin Sheldon)

Vs

Isabella Debattista

Illum 18 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Isabella Debattista detentrici tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 409160M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-kapacità ta' direttur u jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mirabelle Enterprises Limited (C 5537) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fis-17 ta' Settembru, 2017 gewwa Cucina Italiana li jinsab fl-MIA, irrizulta li fil-granet tal-

ti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti wara li rat il-Parti 13 tat-Tlettax-il Skeda mal-Att 23/1998, in partikolari il-Parti 123 tal-istess Skeda, u l-Artikoli 51, 77 (e) u 82 tal-istess Att, sabet lill-imputata hatja u ghalhekk immultatha disa' mitt ewro (€900).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Isabella Debattista, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2019, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Frar 2019 li fiha l-esponenti nstabet hatja tal-akkuzi dedotti kontriha u fejn l-esponenti giet ikkundannata ghal multa ta' €900, u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena, jew, fin-nuqqas, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja u tvarjaha f'dik il-parti fejn giet ikkundannata ghal hlas ta' multa ta' €900, u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Isabella Debattista huwa s-segwenti u cioè:-

**L-EWWEL AGGRAVJU – M'HEMMX L-AHJAR PROVA DWAR IR-RAPPREZENTANZA TAS-SOCJETA' MIRABELLE ENTERPRISES LIMITED**

Illi f'dawn il-proceduri ma xehdux ir-rapprezentanti tal-MFSA u ghalhekk hija nieqsa l-ahjar prova in atti illi l-esponenti huwa r-rapprezentant tas-socjeta' Mirabelle Enterprises Limited, u filfatt kellu r-rapprezentanza taghha dakinhar tal-ispezzjoni.

**IT-TIENI AGGRAVJU – APPREZZAMENT HAZIN TAL-PROVI**

Illi fil-fehma tal-appellanti, l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti kien wiehed manifestament hazin gialadarba illi a bazi tal-provi li nstemghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, dik il-Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment tasal biex issib htija fiha. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma setghu jwasslu lill-Ewwel Qorti ghal dak il-konvinciment morali rikjest mil-ligi sabiex setghet issib htija fiha.

L-esponenti tibda biex tirrimarka illi ma hemm l-ebda prova li torbot lill-appellanti mal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu in kwestjoni, u dan sal-grad tac-certezza morali.

Il-grad ta' prova fil-kamp kriminali rikjest biex ikun hemm sejbien ta' htija jitlob illi l-Qorti tiddeciedi fuq il-provi li jinsabu fl-atti u mhux fuq xi probbabbilment gara. Il-grad tal-probabbli ma japplikax ghall-kaz odjern. Meta l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq xhieda indiretta sabiex issib htrija fl-appellanti odjern, din kienet qed tinjora principju bazilari tad-dritt u ghazlet li taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' provi diretti b'konkluzjonijiet li jidher li waslet ghalihom wahedha. Fil-kaz odjern, hija ghal kollox nieqsa fl-atti xi prova kwalsiasi li turi, minghajr dubju ragonevoli, illi l-appellant kien proprju hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha.

Illi fil-kaz odjern m'hemm l-ebda dubju li ma kienx hemm ghalfejn tinhareg ircevuta peress li fil-mument li saret l-ispezzjoni ma kienx hemm bejgh ghaddej fl-istabbiliment u dan skont ma xehdu r-rapprezentanti tad-Dipartiment stess, u ghalhekk, anke a bazi ta' dan biss, ma tistax tinstab htija fl-esponenti tal-akkuza kif dedotta kontriha.

Illi fil-fatt in atti m'hemmx il-prova li l-fond La Cucina Italiana hu fond distint jew separat mill-fond Fat Harry's Pub bil-konsegwenza li dan kien ser ikollu bzonn ta' xi *exemption number* separat.

Apparti minn hekk, it-talba tas-socjeta' Mirabelle Enterprises Limited illi tibqa' tuza l-istess exemption number ghall-kumpless Fat Harry's Pub (Malta International Airport) filfatt kienet giet milqugha, kienet ilha milqugha u approvata mis-sena 2009 (Dok A), u sal-lum stess, dan l-exemption number ghadu qed jintuza fuq l-ircevuti li nhargu minn din il-POS System.

Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju illi dakinhar tal-ispezzjoni, kull ircevuta fiskali kienet turi car l-isem tal-istabbiliment, l-isem tal-kumpanija, u l-exemption number.

Dwar il-fatt li Fat Harry's Pub huwa parti minn La Cucina Italiana, u huwa l-istess kumpless u li jaghmel parti integrali minnu xehdet ukoll Isabelle Debattista u x-xhieda taghha baqghet mhux kontradetta.

Illi apparti minn hekk, minn harsa lejn ir-readings li nhargu dakinhar, dan kien sett wiehed sew ghall-POS li tintuza fuq gewwa tal-istabbiliment, u kif ukoll ghal dik li tintuza fuq barra, ghalhekk huwa car illi l-fond wiehed u indiviz u li s-sistema tal-POS hija wahda, fl-istess stabbiliment, u li kienet ilha approvata zmien.

Illi ghaldaqstant, huma ghal kollox neqsin il-provi dwar ir-rekwiziti tal-akkuza migjuba kontra l-esponenti.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena premess, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija fl-imputat; u dan anke fid-dawl tal-grad ta' prova rikjesta fil-proceduri odjerni fejn kull dubbju ghandu jiffavurixxi lill-imputata.

**It-Tielet Aggravju – Nullum crimen sine legem**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu li nghad qabel, fil-kaz odjern ma tistax tinstab htija ghaliex ir-reat li bih giet akkuzata bih l-esponenti ma jezistix.

L-argument li jaghmel id-Dipartiment tal-VAT huwa illi jekk is-sistema tal-POS ta' La Cucina Italiana ma kinitx auditjata, allura, kwalsiasi ricevuta li nharget minn din is-sistema mhix ricevuta valida, bil-konsegwenza li l-esponenti kellha tinstab hatja. Illi bid-dovut rispett, madanakollu, mhux biss dan hu kontradett mill-korrispondenza skambjata mad-Dipartiment stess, talli minn imkien mil-ligi ma johrog dan ir-rekwizit.

Illi dan premess, u *dato ma non concesso*, lanqas ma hemm xejn fil-ligi li jghid li jekk Sistema ta' POS ma tkunx audited allura dan isarraf f'xi reat.

**Ir-raba' Aggravju – Ne bis in idem**

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti kellha ssib li sew Isabelle Debattista u kif ukoll Jude Formosa kellhom r-rapprezentanza tal-kumpanija Mirabelle Enterprises Limited dakinhar tal-ispezzjoni, dan ikun ifisser illi jekk ser tinstab htija f'wiehed jew f'wahda minnhom ma tistax tinstab htija fl-iehor ghaliex dan ikun ifisser illi s-socjeta' Mirabelle Enterprises Limited tkun qed tinstab hatja tal-istess reat darbtejn.

**Il-Hames Aggravju – Nullità tas-sentenza**

Illi s-sentenza appellata hija nulla stante illi hija nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni li biha l-Qorti waslet ghall-htija tal-appellanti.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset ghal kollox milli taghti ebda forma ta' motivazzjoni ghad-decizjoni taghha. L-appellant umilment jissottometti illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex taqbad u tiddeciedi fuq il-piena minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Illi huwa minnu illi jista' jkun hemm certa kawzi fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi pero' min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti jmissha tat aktar importanza ghas-serjeta' ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha.

Peress illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element is-sentenza moghtija fil-konfronti tal-appellant hija rrita u ghandha tigi dikjarata nulla stante li ma ssegwix id-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk, konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti ghandha terga' tibghat l-atti kollha, ghal gudizzju mill-gdid, quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza, u dan sabiex l-appellant ma jigix mcahhad mid-dritt tieghu ghal beneficcju tad-*doppio esame*.

Smghet lir-rappresentant **Paul Scicluna** jixhed u dan fis-eduta tad-9 ta' Mejju 2019 fejn dan stqarr likien qed jixhed fil-kapacita tieghu ta' legal Officer fil-Vat department. Muri id-dokument esebit fl-atti a fol. 36 markata bhala Dok PS1 jghid li din hija *letter to prosecute* fil-konfront ta' Isabelle Debattista ghan-nom tas-socjeta Mirabelle Enterprises fermata minnu nhar il-15 ta' Gunju 2018 gha-nom tal-Kummissarju tat Taxxi. Gharaf ukoll id-dokument PS 2 esebit fl-atti a fol 37 li hu dokumentli hareg mill-cmouter mis-sit tar-registru tal kumpaniji fir-rigward tal-kumpanija Mirabelle Enterprises Limited nhar l-1 ta Gunju 2018, u d-dokument esebit fl-atti a fol. 38 mahrug fl-istess jum tatl-1 ta Gunju 2018 rigward minn huma id-Diretturi tas-socjeta Mirabelle Enterprises Limited C 5537 mahruga minnu mis-sistema komperizzata tal MFSA. Gharaf ukoll id-dokument a fol. 39 markat bhala dok PS1 li hija l-applikazzjoni tas-socjeta Mirabelle Enterprises Limited ghar-registrazzjoni mad-dipartiment tat-taxxa.

Semghet lil **Ian Gauci**, VAT inspector xehed fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019 u jikkonferma li fis-17 ta Settembru 2017 huwa flimkien ma Lorraine Calleja kienu ghamlu spezzjoni gewwa l-food court tal-ajruport Internazzjonali tal-Gudja. Jghid li wiehed minn dawn l-istabilimenti li spezjonaw kien dak ta Cucina Italiana. Jghid li prima faccie kollox deher sew. Meta mar l-ufficcju innota li l-exemption number 0166 kien jghajjat stabiliment iehor. Jghid ukoll I m akien hemm l-ebda applikazzjoni fejn kienhemm talba sabeix jintuza exemption number fuq l-istabiliment Cucina Italiana. Jghid ghalhekk li da nil-fond kien qed jopera b'exemption number t apost iehor . Dan l-

exemtion number minn verifiki li ghamel jghajjat lis-socjeta Mirabelle Enterprises LimitedL-fond Cucina Italiana ma kienx approved biex juza dan l-exemption number.

Huma tkelmumal-manager certu Christian Talles detentur tal karta ta identita numru 189732SA pero peress li dak il-hin tal-ispezzjoni ma raw xejn azin ma staqsewh xejn partikolari konness mal-uzu ta dan l-exemption number. Eventwalment tkelmu mas-sidien tal-fod u nhar il-25 ta' Marzu 2019 is-socjeta Mirabelle Enterprises Limited ghamlet applikazzjoni f'isem Cucina Italiana biex juzaw dan l-exemption number 0166 u dan gie approvat fis-27 ta' Marzu 2019.

Mistoqsi jekk dakinhar ta l-ispezzjoni kien qed isisr biegh jghid li l-fond kien miftugh pero biegh m akienx hemm. Jghid li dan mhux kaz li ma inghatax ricevuta izda kaz ta esenzjoni.

Mistoqsi jekk il-post Cucina Italiana hux inter konnes ma fond iehor ighid li hemm zewg statbilimenti separate . DAk il-hin ma dehrux li ghandhom kcina wahda . FIl-fatt b'referenza gharl-ircevutali harget minn Cucina Italiana u l-ircevuta li harget mill-fond Fat Harrys jindikaw l-istess exemption number u l-istess VAT number Jghid li ma indunax li kien hemm sistema wahda dwwar finanzi

Jghid li is-socjeta Mirabelle Enterprises Limited hija obbligata tirregistra mad-dipartiment tal Vat kul fond li ser jghamel uzu minn l-exemption number u ghalhekk anke dak ta Cucina Italiana u dan sabeix da nil-fond ikun compliant mal-ligi

Semghet lill-akkuzata **Isabelle Debattista** tixhed u dan fis-seduta tad-9 ta Mejju 2019 tixhed ut ispjega f'hafna dettal is-sistema komputerizzata taghha fir-rigward tal-Vat number u exemption number tas-socjeta Mirabelle Enterprises Limited. Il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel referenza ghax- xhieda kollha f'dan l-istadju u ser taghmel referenza ghaliha una volta thoss l-htiega.

Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti hija akkzuat b'reat partikolari u cioe li hija naqset li tohrog ricevuta fiskali kemm bilcash register jew bil-ktieb fiskali u dan fil-mument meta sar biegh. Ghalhekk qabel xejn il-proseskuzzjoni trid tipprova li in effetti sar il-biegh u l-appellant naqset fl-obbligi taghha

Rat id-dokumenti numeruzi prezentati mill-akkuzaata waqt ix-xhieda taghha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019.

Ikkunsidrat.

Illi l-appell tal-appellant hu bazat fuq is-segwenti aggravju ghalkemm forsi mhux fl-istess ordni.

i. Nullita tas-sentenza ghaliex is-sentenza hija nieqsa minn kollox minn kul motivazzjoni.
ii. In *ne bis in idem* ghaliex din il-Qorti ma seghetx issib htija fir rigward tal-akkuzata kif ukoll fir rigward ta Jude Formosa li it tnejn kellhom ir rappresentanza dakinhar tal-ispezzjoni tas socjeta Mirabelle Enterprises Limited u ghalhekk din il-Qortikellha issib htija fir rigward ta' wihed biss mir- rappresentanti ghaliex altrmienti tkun qed issib htija ta' l-istess reat darbtejn.

iii. *Nullum crimen sine lege* u dan ghaliex l-akkuzata giet akkuzata b'reat li ma jesistix.

iv. Apprezzament hazin tal-fatti

v. Nuqqas ta' *best evidence* dwar ir rappresentanza gurika tas-socjeta Mirabelle Enterprises Limited.

Ikkunsidrat.

**Nuqqas ta motivazzjoni.**

Fir-rigward ta l-ewwel akkuza id-difiza qed tghid li s-sentenza hija nulla ghaliex nieqsa minn kul motivazzjoni u li ghalhekk l-appellanti ma tafx fuq xhiex instabet hatja.

Illi dwar l-Ewwel aggravju din il-Qorti tikkondividi pjenament dak kollu li jintqal fir-rikors tal-appell. Dan hu kaz iehor fejn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali partikolari, qed tghaddi ghal sentenza minghajr ma taghti uqija motivazzjoni biex turi kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Di fatti il-Qorti skond il-prime note tal-udjenza tas-27 ta' Frar, 2016 (fol.7) ) "*wara li saemghet it-trattazzjoni euridta tal-partijiet, Rat il-PArti 13 , tat tlettax-il skeda mal Att 23/1998 in partikolari 123 ta l-istess u l-artikolu51 77( e) u 82 ta l-istess Att. Tara li l-rpoceduri specifici mill-ligi ma sarux issib lill-imputata hatja ta dawn l-akkuzi izda fic-cirkotani timmultaha €900*",

Mhux talli ghaddiet ghas-sentenza izda dik is-sentenza ma kellha ebda motivazzjoni kwalsiasi.

Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li qorti tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuqinkluz dawk dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b'rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li hemm ritenut fl-appell kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[1]"

"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal- Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta Frar 2007

kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.

Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f'dan il-kaz –, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi

rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

"Ikkonsidrat"

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tal-sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax*

*qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll "**Il-Pulizija vs. James Grima**[2]" [8.3.2007])

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti firrigward tal-ewwel aggravju tal-appellant.

Ghalhekk dan l-aggravju ta nullita qed jigi michud.

**Ne bis in dem**

Fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellant ecepixxa in linea preliminary ukoll il-principju tan *ne bis in dem.* Dan il-kuncett hu trattat fl-artikolu **527 tal-kodici kriminali** li jipprovdi li Ħadd ma jista' jiġi iġġudikat darbtejn għall-istess fatt , tant hu l-artikolu jipprovdi s-segwenti:_ *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Pace**[3] inghad li "" *Whenever by means of the same facts ....two or more rights are violated, there is only a single offence, and the lesser offence is absorbed in the graver one; if the offender be charged with the lesser offence* *and the judgment is pronounced* *(emphasis by the author) thereon, then he cannot be any longer charged with the graver offence nor can any heavier or other punishment , be inflicted on him."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Domnic Abela** [4] intqal li :-

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Marzu 2007
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Jannar 1939.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Dicembru 2000

"l-elementi tar- res judicata huma essenzjalment tnejn (i) l-istess persuna akkuzat fi procedure separati u (ii) l-akkuza sussegwenti rid tkun bazata fuq l-istess fatt li l-persuna akkuzata tkun gja giet gudikata fuqha precedentement.

Jinghad ukoll kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Eugenio Said**[5]:-

*" Mhux sewwa ghaliex huwa elementari illi jekk kien hemm l-eccezzjoni ta ne bis in idem. L-ewwel haga li kellha ssir hija li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha kienet qieghda tigi bbazata l-eccezzjoni."*

Dan id-dritt jista' jinkiser biss jekk, wara li tkun inghatat sentenza finali li fiha jkun gie ddikjarat li l-akkuzat ga ghadda proceduri kriminali ghal dak l-istess reat quddiem qorti kompetenti, huwa jerga' jigi espost ghal proceduri kriminali ohra dwar dak l-istess reat li ghalih huwa ga gie misjub hati jew li minnu ga gie lliberat.

Fil-kaz in desamina ma hemm xejn minn dan fl-atti ma gie esebit l-ebda sentenzali inghatat fil-konfront tal-akkuzat dwar l-istess fatti li bih giet akkuzata fil-kawza odjerna . Il-fatt li fl-istess hinbhala hemm person aohra imharrek in rappresentanza tas-socjeta Mirabelle Enterprises ltd bl-istess akkuzi ma jamotnax ghall-eccezzjoni tan ne bis in idem u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll rigettat.

**Nullum Crimen sine lege**

Issir riferenza ghal dak pronuncjat mill-Qorti Kriminali fid-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[6] fejn il-Qorti spjegat li:-

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar 28 ta Mejju 1993
[6] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 22 ta' Settembru, 2016

Illi il-principju tad-dritt penali iccitat mill-akkuzat ta' *nullum crimen sine lege* necessarjament ifisser illi ebda persuna ma tista' tigi akkuzata b'att jew omissjoni li ma jikkostitwixxix reat fiz-zmien meta sehh u dan ghaliex hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghal kummissjoni ta'l-istess. Illi sahansitra l-artikolu 11 tal-UDHR (Universal Declaration of Human Rights) ighid hekk:

***"No one shall be held guilty of any penal offence on account of any act or omission which did not constitute a penal offence, under national or international law, at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the penal offence was committed".***

F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs.Carmela Micallef**[7],fejn gie imfakkar li:-

*"Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx*

*riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax taht ebda dispozizzjoni tal-ligi…….*

*Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat*

Dan kien l-istess ragunament milhuq fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**[8] fejn il-Qorti iddecidiet **:**

---

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 t'April 1955

[8] per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 3 ta Gunju 2016 .

*Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.*

*Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat "*

Dan pero mhux il-kaz in desamina u dan ghaliex l-appellanti giet akkzuat bir-reat kif dispost fl-artikolu 51 u 77 ( e) tal-Att dwar il Vat u cioe giet akkzata talli fil-kapacità taghha ta' direttur in rapprezentanza ta' Mirabelle Enterprises Limited (C 5537) u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fis-17 ta' Settembru, 2017 gewwa Cucina Italiana li jinsab fl-MIA, irrizulta li fil-granet tal-ispezzjoni msemmija, jew hi jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, xjentement naqset li tirrilaxxa ircevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba fiskali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998, skont il-kumpens lilha mhallas u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (e) u 82 tal-istess Att.

Ghalhekk jinghad li l-appellanti giet akkuzata li kisret disposizjoni partikolari tal-ligi dwar il-Vat. Issa hiex hatja ta' dan irr-eat hija kwstjoni li ser tigi trattat taht aggravju iehor u cioe li l-ewwel Qorti m ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti.

Dan it-tielet aggraavju qed jigi rigettat .

**Apprezzament hazin tal-fatti**

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w

sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni

valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[9]."; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[10]" "Il-**Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[11]" "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[12]" u ohrajn .)

Illi f'dan il-kaz l-appellanti giet akkuzata talli nhar is-17 ta Setembru 2016 gewwa l-istabiliment Cucina Italiana li jinsab fil-MIA fil-jum ta' l-ispezzjoni mizmuma minn Ian Gauci hija jew rappresenant taghha li kien qed jagixxi ghan-nom taghha **xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta cash register jew permezz tal-kotba fiskali** fil-mument meta sari l-biegh.

Illi ghalhekk sabeix dan ir-reat jissusti l-prosekuzzjoni trid tipprova g'l lil hin min kul dubbju dettat tar-raguni li:-

1.Li sar biegh

2. Li xjentement **xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta cash register jew permezz tal-kotba fiskali**

3.Fil-mument meta sari l-biegh.

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 12 ta Mejju 1994
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta frar 1989
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991

Jinghad pero li mix-xhieda ta' Ian Gauci li ghamel l-ispezzjoni dak in-nhar biegh ma kienx hemm u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-appellanti u/jew rappresentant taghha johrog tali ricevuta. Dan ix-xhud iktar kien interessat jghid dwar l-uzu tal-exemption number ta Cucina Italiana minlfok li jitkellem dwar dak li irrizultalu mill-ispezzjoni.

Illi dan l-aggravju qed jigi milqugh u ghalhekk mhemxx lok li din il-Qorti titratta ir-raba aggravju dwar 'Best evidence'

Ghalhekk din il-Qorti ma thoss li l-gudizzju moghti mill-ewwel Qorti kien wiehed *safe u satisfacatory* u ghalhekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

Ikkunsidrat.

**Nuqqas ta' motivazzjoni.**

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza id-difiza qed tghid li s-sentenza hija nulla ghaliex nieqsa minn kull motivazzjoni u li ghalhekk l-appellanti ma tafx fuq xhiex instabet hatja.

Illi dwar l-Ewwel aggravju din il-Qorti tikkondividi pjenament dak kollu li jintqal fir-rikors tal-appell. Dan hu kaz iehor fejn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali partikolari, qed tghaddi ghal sentenza minghajr ma taghti uqija motivazzjoni biex turi kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha.

Di fatti il-Qorti skond il-prime note tal-udjenza tas-27 ta' Frar, 2016 (fol.7) ) "*wara li saemghet it-trattazzjoni euridta tal-partijiet, Rat il-PArti 13, tat tlettax-il skeda mal Att 23/1998 in partikolari 123 ta' l-istess u l-artikolu51 77( e) u 82 ta' l-istess Att. Tara li l-rpoceduri specifici mill-ligi ma sarux issib lill-imputata hatja ta' dawn l-akkuzi izda fic-cirkotani timmultaha €900*",

Mhux talli ghaddiet ghas-sentenza izda dik is-sentenza ma kellha ebda motivazzjoni kwalsiasi.

Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li qorti tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuqinkluz dawk dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b'rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li hemm ritenut fl-appell kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[13]"

"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal- Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.

Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f'dan il-kaz –, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

---

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Frar 2007

"Ikkonsidrat"

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tal-sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll "**Il-Pulizija vs. James Grima**[14]" [8.3.2007])

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti firrigward tal-ewwel aggravju tal-appellant.

Ghalhekk dan l-aggravju ta' nullita qed jigi michud.

**Ne bis in dem**

Fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellant ecepixxa in linea preliminari ukoll il-principju tan *ne bis in dem.* Dan il-kuncett hu trattat fl-artikolu **527 tal-Kodici Kriminali** li jipprovdi li Ħadd ma jista' jiġi iġġudikat darbtejn għall-istess fatt, tant hu l-artikolu jipprovdi s-segwenti:_ *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, danma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Pace**[15] inghad li "" *Whenever by means of the same facts ....two or more rights are violated, there is only a single offence,*

[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Marzu 2007
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Jannar 1939.

*and the lesser offence is absorbed in the graver one; if the offender be charged with the lesser offence and the judgment is pronounced (emphasis by the author) thereon, then he cannot be any longer charged with the graver offence nor can any heavier or other punishment, be inflicted on him*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Domnic Abela** [16] intqal li :-

"l-elementi tar- res judicata huma essenzjalment tnejn (i) l-istess persuna akkuzat fi procedure separati u (ii) l-akkuza sussegwenti rid tkun bazata fuq l-istess fatt li l-persuna akkuzata tkun gja giet gudikata fuqha precedentement.

Jinghad ukoll kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Eugenio Said**[17]:-

*" Mhux sewwa ghaliex huwa elementari illi jekk kien hemm l-eccezzjoni ta' ne bis in idem. L-ewwel haga li kellha ssir hija li tigi infilzata fil-process kopja legali tas-sentenza li fuqha kienet qieghda tigi bbazata l-eccezzjoni."*

Dan id-dritt jista' jinkiser biss jekk, wara li tkun inghatat sentenza finali li fiha jkun gie ddikjarat li l-akkuzat ga ghadda proceduri kriminali ghal dak l-istess reat quddiem qorti kompetenti, huwa jerga' jigi espost ghal proceduri kriminali ohra dwar dak l-istess reat li ghalih huwa ga gie misjub hati jew li minnu ga gie lliberat.

Fil-kaz in desamina ma hemm xejn minn dan fl-atti ma gie esebit l-ebda sentenza li inghatat fil-konfront tal-akkuzat dwar l-istess fatti li bih giet akkuzata fil-kawza odjerna. Il-fatt li fl-istess hin bhala hemm persuna ohra imharka in rappresentanza tas-socjeta Mirabelle Enterprises ltd bl-istess akkuzi ma jammotnax ghall-eccezzjoni tan *ne bis in idem* u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll rigettat.

**Nullum Crimen sine lege**

Issir riferenza ghal dak pronuncjat mill-Qorti Kriminali fid-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[18] fejn il-Qorti spjegat li:-

---

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Dicembru 2000
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar 28 ta' Mejju 1993

Illi il-principju tad-dritt penali iccitat mill-akkuzat ta' *nullum crimen sine lege* necessarjament ifisser illi ebda persuna ma tista' tigi akkuzata b'att jew omissjoni li ma jikkostitwixxix reat fiz-zmien meta sehh u dan ghaliex hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghal kummissjoni ta'l-istess. Illi sahansitra l-artikolu 11 tal-UDHR (Universal Declaration of Human Rights) ighid hekk:

***"No one shall be held guilty of any penal offence on account of any act or omission which did not constitute a penal offence, under national or international law, at the time when it was committed. Nor shall a heavier penalty be imposed than the one that was applicable at the time the penal offence was committed".***

F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs.Carmela Micallef**[19],fejn gie imfakkar li:-

*"Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx*

*riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax taht ebda dispozizzjoni tal-ligi…….*

*Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat*

Dan kien l-istess ragunament milhuq fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**[20] fejn il-Qorti iddecidiet **:**

---

[18] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 22 ta' Settembru, 2016

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 t'April 1955

*Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.*

*Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat "*

Dan pero mhux il-kaz in desamina u dan ghaliex l-appellanti giet akkuzat bir-reat kif dispost fl-artikolu 51 u 77 ( e) tal-Att dwar il Vat u cioe gie akkuzat talli fil-kapacità tieghu ta' direttur u jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mirabelle Enterprises Limited (C 5537) u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fis-17 ta' Settembru, 2017 gewwa Cucina Italiana li jinsab fl-MIA, irrizulta li fil-granet tal-ispezzjoni msemmija, jew hi jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, xjentement naqset li tirrilaxxa ircevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba fiskali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998, skont il-kumpens lilha mhallas u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (e) u 82 tal-istess Att.

Ghalhekk jinghad li l-appellanti giet akkuzata li kisret disposizjoni partikolari tal-ligi dwar il-VAT. Issa hiex hatja ta' dan ir-reat hija kwstjoni li ser tigi trattat taht aggravju iehor u cioe' li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti.

Dan it-tielet aggraavju qed jigi rigettat.

**Apprezzament hazin tal-fatti**

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-

[20] per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 3 ta' Gunju 2016 .

provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni

valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[21]."; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[22]" "Il-**Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[23]" "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[24]" u ohrajn .)

Illi f'dan il-kaz l-appellanti giet akkuzata talli nhar is-17 ta' Setembru 2016 gewwa l-istabiliment Cucina Italiana li jinsab fil-MIA fil-jum ta' l-ispezzjoni mizmuma minn Ian Gauci hija jew rappresenant taghha li kien qed jagixxi ghan-nom taghha **xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta' cash register jew permezz tal-kotba fiskali** fil-mument meta sari l-biegh.

Illi ghalhekk sabeix dan ir-reat jissusti l-prosekuzzjoni trid tipprova g'l lil hin min kull dubbju dettat tar-raguni li:-

1. Li sar biegh

2. Li **xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta' cash register jew permezz tal-kotba fiskali**

3. Fil-mument meta sari l-biegh.

---

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 12 ta' Mejju, 1994
[22] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989
[23] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[24] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991

Jinghad pero li mix-xhieda ta' Ian Gauci li ghamel l-ispezzjoni dak in-nhar biegh ma kienx hemm u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-appellanti u/jew rappresentant taghha johrog tali ricevuta. Dan ix-xhud iktar kien interessat jghid dwar l-uzu tal-exemption number ta' Cucina Italiana minlfok li jitkellem dwar dak li irrizultalu mill-ispezzjoni.

Illi dan l-aggravju qed jigi milqugh u ghalhekk m'hemxx lok li din il-Qorti titratta ir-raba aggravju dwar 'Best evidence'

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li l-gudizzju moghti mill-ewwel Qorti kien wiehed *safe u satisfacatory* u ghalhekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur